Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,998, 31 ta' Jannar, 2023
Taqsima B

A.L. 17 tal-2023

ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA (KAP. 478)

Regolamenti tal-2023 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjovisiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26(1) u 33 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-films, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2023 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjovisiva.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xort'oħra:

"approvazzjoni finali" tfisser l-approvazzjoni mogħtija skont ir-regolament 7;

"Att" tfisser l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta; Kap. 478.

"Bord għas-Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat" tfisser il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat imwaqqaf taħt l-artikolu 57 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji; Kap. 325.

"ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ skont ir-regolament 5 wara l-irċevuta tal-applikazzjoni relevanti u d-dokumentazzjoni meħtieġa u wara li jiġu debitament evalwati skont il-Linji gwida relevanti;

"fotografija prinċipali" tfisser l-iffilmjar ta' komponenti kbar jew sinifikattivi ta' produzzjoni awdjovisiva li jinvolvi atturi prinċipali jew il-bidu ta' xogħol ta' animazzjoni jew VFX magħmul kompletament jew f'parti minnu flimkien mal-post produzzjoni f'Malta;

Verżjoni Elettronika

"inċentiv finanzjarju" tfisser il-benefiċċju finanzjarju kif previst fir-regolament 3;

"intrapriża" tfisser entità li twettaq attività ekonomika;

"koproduzzjoni" tfisser produzzjoni kwalifikanti li hija s-suġġett ta' ftehim ta' koproduzzjoni bejn żewġ (2) koprodutturi jew iktar;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju Ċinematografiku maħtur taħt l-artikolu 5(1) tal-Att;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att;

"kumpanija kwalifikanti" tfisser l-entità responsabbli għall-attivitajiet kollha involuti fil-ħidma ta' produzzjoni kwalifikanti u li jkollha aċċess għall-informazzjoni finanzjarja sħiħa għall-produzzjoni dinjija totali, li għandha ssir disponibbli għall-Kummissarju fuq talba tiegħu. Fejn il-produzzjoni kwalifikanti tkun koproduzzjoni, il-koprodutturi għandhom jaħtru wieħed (1) mill-koprodutturi fosthom sabiex jaġixxi bħala l-kumpanija kwalifikanti fir-rigward tal-produzzjoni kwalifikanti għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u l-koproduttur maħtur għandu jitqies li jkun l-entità responsabbli għall-attivitajiet kollha involuti fit-twettiq tal-produzzjoni kwalifikanti:

Iżda li:

(1) għandu jkun hemm kumpanija kwalifikanti waħda (1) biss fir-rigward ta' produzzjoni kwalifikanti partikolari;

(2) fil-każ ta' koproduzzjoni, l-inċentiv finanzjarju mogħti għandu jitqassam bejn il-koprodutturi kif miftiehem bejniethom, jew fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim għal dak il-għan, fi proporzjon mas-sehem tagħhom fil-baġit ġenerali tal-produzzjoni kwalifikanti; u

(3) kwalunkwe koprodutturi għandhom ikunu responsabbli in solidum għall-obbligi tagħhom taħt l-Att u dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll meta l-kumpanija kwalifikanti tkun:

(1) kumpanija kwalifikanti barranija, għandha tkun jew vettura korporattiva bi skop speċjali jew kumpanija li twettaq, jew biħsiebha twettaq f'Malta, kummerċ jew

Verżjoni Elettronika

negozju li jitqies bħala produzzjoni kwalifikanti; jew

(2) kumpanija kwalifikanti lokali, għandha tkun jew vettura bi skop speċjali jew kumpanija li tkun debitament reġistrata f'Malta bħala kumpanija ta' produzzjoni awdjovisiva u biħsiebha tipproduċi produzzjoni kwalifikanti bħala l-għan u l-attività prinċipali tagħha;

"Linji gwida" tfisser il-linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Kummissarju minn żmien għal żmien;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-films;

"nefqa eliġibbli" tfisser l-oġġetti ta' nfiq mġarrba mill-kumpanija kwalifikanti rigward il-produzzjoni kwalifikanti li huma eliġibbli kif stabbilit mill-Kummissarju skont il-Linji gwida;

"produzzjoni kwalifikanti" tfisser produzzjoni awdjovisiva li jilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 25 tal-Att, l-Iskeda li tinsab mal-Att u l-Linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Kummissarju minn żmien għal żmien;

"Regolament Nru 651/2014" tfisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat, u kif jista' jiġi emendat sussegwentement;

"Stat Membru tal-UE" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont l-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"tlestija" tfisser it-terminazzjoni ta' attività ta' iffilmjar, animazzjoni jew VFX flimkien ma' post-produzzjoni f'Malta ta' produzzjoni awdjovisiva, u "lest" għandha tkun interpretata skont dan;

"VFX" tfisser effetti viżwali;

"xogħlijiet awdjovisivi diffiċli" tfisser produzzjoni awdjovisiva kif stabbilita mill-Kummissarju skont il-Linji gwida.

(2) Il-kliem u l-frażijiet li hemm fl-Att għandhom, sakemm ma humiex xort'oħra mfissra f'dawn ir-regolamenti, ikollhom l-istess tifsir mogħtija lilhom fl-Att.

Verżjoni Elettronika

Inċentivi finanzjarji.

Kap. 123.

3. (1) Rifużjoni sa erbgħin fil-mija (40%) tan-nefqa eliġibbli tista' tingħata bħala għotja ta' flus, li għandha tkun eżenti għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, lil kumpaniji kwalifikanti mat-tlestija ta' produzzjoni kwalifikanti, skont dawn ir-regolamenti u l-Linji gwida:

Iżda li spejjeż eliġibbli identifikati mitluba taħt xi skema oħra ffinanzjata pubblikament f'Malta, m'għandhomx jiġu rikjesti taħt din l-iskema:

Iżda wkoll l-għajnuna totali mogħtija mill-Istat li produzzjoni kwalifikanti tista' tibbenifika minnha taħt dan ir-regolament, jew kwalunkwe sors ieħor m'għandhiex teċċedi l-limiti provduti fil-Linji gwida.

(2) Il-livell ta' inċentivi finanzjarji għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skont l-artikolu 26 tal-Att, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u l-Linji gwida.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), rifużjonijiet sa ħamsin fil-mija (50%) tan-nefqa eliġibbli għal xogħlijiet awdjovisivi diffiċli jistgħu jingħataw bħala għotja ta' flus, li għandhom ikunu eżentati għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* lil kumpaniji kwalifikanti, mat-tlestija ta' produzzjoni kwalifikanti, skont dawn ir-regolamenti u l-Linji gwida.

Kap. 123.

(4) L-għajnuna massima mill-inċentivi indikati fis-subregolamenti (1) u (3) għandhom japplikaw ukoll għall-koproduzzjonijiet.

Applikazzjoni għal approvazzjoni proviżorja.

4. (1) L-applikazzjoni għall-inċentiv finanzjarju għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju mill-kumpanija kwalifikanti jew mill-fergħa lokali jew mill-aġent tagħha skont il-Linji gwida.

(2) L-applikazzjoni speċifikata fis-subregolament (1) għandha tiġi ppreżentata flimkien mad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Kummissarju u għandha tinkludi kwalunkwe dokumenti u informazzjoni mniżżla fil-Linji gwida.

(3) L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-inqas tletin (30) ġurnata tax-xogħol qabel ma tibda l-produzzjoni kwalifikanti ppjanata f'Malta:

Iżda jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata inqas minn tletin (30) ġurnata tax-xogħol qabel ma tibda l-produzzjoni kwalifikanti f'Malta, tista' tiġi aċċettata biss skont id-diskrezzjoni tal-Kummissarju.

Verżjoni Elettronika

Ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja.

5. (1) Wara li jirċievi l-applikazzjoni skont ir-regolament 4, il-Kummissarju għandu jlesti l-valutazzjoni ta' din l-applikazzjoni fi żmien tletin (30) ġurnata tax-xogħol u wara dan għandu jinħareġ ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja:

Iżda fejn il-Kummissarju jitlob informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni, it-tletin (30) ġurnata tax-xogħol għandhom ikomplu jiddekorru wara li din l-informazzjoni relevanti tiġi rċevuta.

(2) F'każ ta' kwalunkwe bidliet fl-applikazzjoni ppreżentata għall-approvazzjoni proviżorja, il-Kummissarju għandu jiġi nfurmat qabel l-approvazzjoni finali.

Bidliet sinjifikanti fil-baġit.

6. (1) Fejn, wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni proviżorja, il-baġit tal-infiq ta' Malta u l-istima tan-nefqa eliġibbli kif indikat fiċ-ċertifikat provviżorju, jiżdied b'aktar minn għaxra fil-mija (10%) tal-istimi oriġinali qabel it-tlestija finali tas-sottomissjoni, il-Kummissarju għandu jiġi minnufih infurmat bil-miktub ta' tali bidliet.

(2) Jekk ikun jidher ċar li l-limitu jkun inqabeż, il-Kummissarju jirriserva d-dritt li jagħti l-inċentiv finali fuq mhux aktar minn għaxra fil-mija (10%) 'l fuq min-nefqa kwalifikanti ġenerali, kif deskritt fiċ-ċertifikat provviżorju.

(3) Għall-fini ta' dan ir-regolament, jekk isiru aktar allowances li jinstabu li huma ġustifikabbli, dawn għandhom isiru biss fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju.

Approvazzjoni finali.

7. (1) Mat-tlestija tal-produzzjoni kwalifikanti li għaliha jkun inħareġ ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja skont ir-regolament 5, il-kumpanija kwalifikanti għandha tissottometti s-sottomissjoni finali bid-dettalji tal-infiq tal-produzzjoni kwalifikanti fejn qiegħed jintalab benefiċċju kif deskritt fil-Linji Gwida. Għandha ssir verifika sħiħa tal-infiq minn awditur.

(2) Is-sottomissjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tintbagħat flimkien ma' dik id-dokumentazzjoni u informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mill-Kummissarju u għandha tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni mniżżlin fil-Linji gwida.

(3) Wara li jirċievi s-sottomissjoni finali magħmula skont is-subregolamenti (1) u (2), il-Kummissarju għandu joħroġ ċertifikat finali.

Obbligi tal-kumpanija kwalifikanti.

8. (1) Il-kumpanija kwalifikanti għandha tiżgura konformità mal-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti mniżżla fiċ-ċertifikat ta'

Verżjoni Elettronika

approvazzjoni proviżorja u, jew fiċ-ċertifikat finali u fil-Linji gwida.

(2) Jekk il-kumpanija kwalifikanti jew il-fergħa lokali jew l-aġent tagħha jonqsu milli jissodisfaw kwalunkwe mill-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1), il-Kummissarju jista' jirtira l-approvazzjoni proviżorja jew finali tiegħu għal għotja ta' inċentiv finanzjarju. Jekk il-kumpanija kwalifikanti tkun diġà rċeviet l-inċentiv finanzjarju u l-Kummissarju jistabbilixxi li l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1) ma ġewx sodisfatti, hija għandha tirrimborża lill-Kummissarju l-ammont tal-inċentiv finanzjarju li tkun irċievet fuq talba tal-Kummissarju.

Eżami tar-rekords.

9. Meta l-inċentiv finanzjarju jkun ġie provdut skont dawn ir-regolamenti lil intrapriża, il-Kummissarju jista':

(1) minn żmien għal żmien jagħmel jew iġiegħel li jseħħ eżami tal-kotba, kontijiet, dokumenti, postijiet u kull ħaġa oħra ta' dik l-intrapriża, il-fergħa lokali jew aġenzija tagħha, skont il-każ, li jista' jkun neċessarju sabiex jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, tal-Linji gwida, u tal-approvazzjoni proviżorja fuq liema nħareġ iċ-ċertifikat jkunu mħarsa; u

(2) jitlob li jingħata dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mill-intrapriża, mill-fergħa lokali jew mill-aġenzija tagħha, kif jista' ikun il-każ u kif jista' jkun il-bżonn.

Database tal-assistenza provduta.

10. Il-Kummissarju għandu jżomm, għal mhux inqas minn għaxar (10) snin, database tal-inċentivi finanzjarji kollha provduti lil, jew rikjesti minn, intrapriżi skont dawn ir-regolamenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista':

(1) tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti jkunu ġew imħarsa; u

(2) tipprovdi lill-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat dik l-informazzjoni li jista' jkollu bżonn.

Applikabbilità.

11. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-produzzjonijiet awdjovisivi li għalihom ingħatat l-għajnuna sal-31 ta' Diċembru 2023.

Revoka u riżervi.
L.S. 478. 03.

12. Ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva huma b'dawn revokati mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.